**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1091/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Therese Cini**

**Illum 29 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Therese Cini** detenur tal-karta tal-identita Maltija **221885M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn ix-xhur ta' Jannar 2022 u Jannar 2023, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Naqset li tagħti lil Elton Paul Gellel u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata f'kuntratt bhala manteniment għaliha u/jew uliedha u dana fi żmien ħmistax (15)-il jum minn dak il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il- kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-11 ta' Novembru,2024, fejn, għaddiet in gudikat lill-appellanti u sabitha hatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha u kkundannata ghal piena ta' xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Therese Cini, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Novembru, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu sabitha hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, tikkalibra l-piena kominata għal wahda iktar ekwa u gusta ghall-każ odjern.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**A. Dwar il-Piena Kominata**

**A. 1. II-Mezzi Finanzjarji tal-Appellanta**

Fl-ewwel lok u ghall-evitar ta' kwalsiasi malintiż, l-appellanta hija konxja mill-fatt li fuq skorta ta' gurisprudenza kopjuża in materja, tibdil fil-mezzi finanzjarji ta' min huwa obbligat ihallas il-manteniment ma tiggustifikax in-nuqqas tiegħu li jonora tali obbligu. Di fatti, bl-ebda mod l-appellanta ma qegħda tqajjem id-difiża ta' ad impossibilia nemo tentetur iżda sejra biss iggib a konjizzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti numru ta' fatturi li fl-umli fehma tagħha għandhom jimmilitaw favur il- kominar ta' piena iktar miti.

**In primis**, l-appellanta tagħmel aċċenn għal dak ritenut mill-Qorti tal- Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. John Debono'</u>** deċiża nhar is-27 ta' April 2012, fejn ingħad illi:

*"il-fatt li persuna tisfa bla xogħol ma jiskużahiex mill-obbligu tagħha li twettaq id-digiret tas-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili...*

*Ir-rimedju li ghandu u li kellu jichu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi żmien utli lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tichu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment." [sottolinejar tal- appellant]*

Fl-ewwel lok jingħad li minn total ta' €2,400 li skont l-imputazzjoni dedotta kontriha huma dovuti, l-esponenti ssaldat total ta' €800 - fatt li jista' jikkonfermah il-*parte-civile* stess;

L-appellanta, minn naħa l-ohra ma hix qed tikkontesta' li l-pagamenti rimanenti mertu tal-imputazzjoni de quo ma sarux. Xejn affattu. Jinghad pero li fiż-żmien li hija ntrabtet, tramite d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li thallas ir-retta alimentari de quo, il-qagħda finanzjarja tagħha ma baqgħetx iżjed sostenibbli.

F'dan l-isfond, l-appellanta tagħmel referenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Publius Said'** fejn gie ritenut illi:

*"L-iskop tal-legislatur meta introduċa din il-kontravvenzjoni fil- Kodiċi Kriminali fl-1983 kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalċitranti sabiex jonoraw l-obbligi tagħhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi għandhom dejjem jigu osservati skrupolożament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*

Jekk ghall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss dina 1-Onorabbli Qorti jgħogobha tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha u kwindi l-appellanta tispiċċa inkarcerata, ikun il-parte-civile stess li jiġi pprivat milli jirċievi l-manteniment u għalhekk l-iskop originali ta' din id-disposizzjoni legali ċertament ma jkunx qiegħed jintlahaq.

Di piu, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anthony Azzopardi'**, deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali gie ritenut li in vista ta' dak deċiż fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Publius Said'**, il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda fl-ammont ta' €58.23, liema somma tiġi kkonvertita f'hamest (5) ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

Fl-aħħar nett, ghandha wkoll ssir referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** datata 26 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet illi:

> "*... għalkemm l-ewwel Qorti gustament għaddiet sabiex tinfliggi piena karċerarja, madanakollu minħabba li l-appellant qiegħed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellant jispiċċa inkarċerat u għalhekk mingħajr introjtu, l-parti leża ser tiġi ipprivata milli tirċievi l-manteniment lilha dovut u għalhekk is- sanzjonijiet tal-liġi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Għalhekk indubbjament f' dan il-każ hemm lok ghal temperament fil-piena.*"

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, l-appellanta temmen bis-shih li piena karċerarja ma hix waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi stante li b'dan il- mod il-qaghda finanzjarja tagħha ser tkompli taggrava ruhha bil- konsegwenza li l-*parte-civile* ser iddum iżjed ma jithallas.

Semghet lil Dr Jacob Magri jiddikjara li l-patrocinata tieghu l-appellanti halset l-ammont ta' manteniment dovut lil *parte civile* fil-mori ta dawn il-pocedur u l illum fir-rigward talakwza odjerna ma ghadx hemm pretensjonijiet ohra . Semghet li *parte Civile* presenti fl-awla jiddikajra li huwa ircieva dak dovut lilu u li m'ghadx ghandu pretensjoni fil-konfront tal-appellanti fir-rigward tal-kawza odjerna

Rat li l-partijiet irremettew ruhhom ghall-atti processwali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellanti tillanja s-sentenza appellata b'diversi gravami inkluz li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva u tressaq diversi ragunijiet ghala kellha tinghata piena aktar miti;

Illi tajjeb li jkun osservat *in primis* illi l-ewwel Qorti kkominat piena li hija fil-parametri ghar-reat li dwaru l-imputata instabet hatja u kif kostantement deciz minn din il-Qorti, ma huwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'juri li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik erogata. Irid jinghad, izda, illi f'kawzi ta' mertu konsimili, l-ghan tal-legislatur ikun milhuq meta l-imputat jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti jew mal-obbligu kontrattwali tieghu li jhallas dak il-manteniment li hu intiz ghall-ghixien tal-ulied jew tal-parti civile. U f'dan ir-rigward ta' spiss issir eccezzjoni u hekk ser isir f'dawn.

Illi fil-proceduri li instemghu quddiem din l-Onorabbli Qorti u appuntu nhar is-16 ta 'Jannar 2025 l-parte civile u cioe Elton Paul Gellel iddikjara li ircieva l-flus dovut lilu ghal binthom minuri Aaliyah Faith Gellel Cini bhala manteniment in konnessjoni ma' din il-kawza u m'ghandhux aktar pretensjoni fil-konfront tal-appellanti fir rigward din il-kawza.

Hija ħaġa tajba li ntlaħaq arranġament bejn il-partijiet dwar il-manteniment li kien dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l- appellant u martu ġiet riżolta f'din il-kawza ,u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid l-ftehim milquh bejn il-partijiet.

B'dana kollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellanti billi min ikun fil-pożizzjoni taghha taħseb li tjkun tista' tinjora l-ordni tal-Qorti u tonqos mill-obbligi taghha tal-ħlas ta' manteniment bl- isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnha u omm bintha jiġu riżolti bonarjament waqt li fil frattemp il-minuri tibqa bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il -Qorti ser tħassar il-piena ta' detenzjoni mposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta'pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separate u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn tlett nuqqasjiet ta'pagamenti.

Issa minkejja li mill-fedina penali tieghu l-appellant ma tistghax titqies li hija a *first-time offender* molto piu meta tikkunsidra li gja instabet hatja ta' akkuza simili bhal din odjerna, dik il-parti tas-sentenza errogabbli l-piena timmerita li tkun varjata u dan b'eccezzjoni ghall-principju mghoddi in rassenja li din il-Qorti ma tbiddilx il-piena imposta mill-ewwel qorti jekk taqa' fil-parametri tal-ligi.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanti Theresa Cini billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellanti xahar detenzjoni u minflok tikkundannaha għall-ħlas ta'ammenda komplessiva fl-ammont ta' tlett mitt euro (€300) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill appellanti Theresa Cini thallas l-ammenda imposta fuqha b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' hamsin euro (€50) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**